MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1789/1984/1

**Citazzjoni numru 1789/84 GC**

**Michael Gatt bhala Direttur in rapprezentanza ta' Thos C. Smith Insurance Agency Limited u dina bhala mandatarja ta' Eagle Star Insurance Company Limited, socjeta' estera, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Pace & Mercieca Ltd., u b'nota tat-12 ta' Dicembru, l985 Joseph Pace assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Michael Gatt, fil-kwalita tieghu bhala rapprezentant ta' Thos. C. Smith (Insurance Agency) Ltd., u b'nota tad-29 ta' Novembru, l996, Dr. Philip Manduca assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Joseph Pace fil-kwalita tieghu bhala rapprezentant ta' Thos. C. Smith (Insurance Agency) Ltd.**

**vs**

**Paul Mifsud u Norman Mifsud bhala Diretturi u in rapprezentanza ta' Mifsud Bros. Ltd. (Shipping &**

**Travel) u dina bhala agent tas-socjeta GILNAVI proprjetarji u/jew armaturi tal-bastiment EMADALA**
**u**
**Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:-

Illi fis-26 ta' Dicembru, 1983, l-assigurat tal-attur nomine importa gewwa Malta permezz tal-bastiment EMADALA 4 crates Marine Plywood;

Illi meta dawn gew irtirati mill-importatur instab li kien hemm il-hsara kif jidher car mill-anness Survey Report Markat Dok. A;

Illi l-merkanzija kollha giet konsenjata lill-bastiment u dana fi stat tajjeb kif jidher mil-polza ta' kariku annessa u markata dok. B, izda dina ma gietx konsenjata lill-importatur fl-istess stat;

Illi l-merkanzija kienet fil-kustodja ta' wiehed mill-konvenuti nomine sal-mument tal-irtir taghha xi granet wara, li giet skarikata f'Malta;

Illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, naqsu li jadempixxu l-obbligi taghhom li jikkonsenjaw il-merkanzija fi stat tajjeb kif ircevewha u/jew kienu negligenti fil-kustodja tal-merkanzija billi ma hadux il-mizuri necessarji sabiex jipprotegu l-merkanzija ta' injam milli tixxarrab bix-xita, u ghalhekk huma responsabbli ghall-hsarat sofferti;

Illi l-attur nomine hallas lill-importtur assigurat tieghu is-somma ta' Lm974.80 (disgha mija u erbgha u sebghin lira maltin u tmenin centezmi) ghal-dan it-telf u gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat kif jidher mill-anness dok. C;

Illi l-konvenuti nomine naqsu li jhallsu ghat-telf u/jew hsara ghalkemm interpellati;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li huma, jew min minnhom, responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assigurat tal-attur nomine;

2. Tikkundanna lill-konvenuti nominee, jew min minnhom, ihallsu lil-attur nomine l-ammont ta' Lm974.80c (disgha mija u erba u sebghin liri maltin u tmenin centezmu);

Bl-ispejjes u imghaxijiet legali mid-data tal-pagament sad-data tar-rifuzjoni effettiv. Il-konvenuti nominee gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul Mifsud u Norman Mifsud nominee fejn gie eccepit :-

1. Illi it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra taghhom nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li is-socjeta minnhom rappersentata ma hijiex responsabbli ghall-kwlunkwe allegata hsara li grat fil-merkanzija de quo, u dan anke peress li huma ikkonsenjaw l-istess merkanzija fl-istat li giet ikkonsenjata lilhom, kif jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet ohra li jigu amplifikati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra taghhom nomine, ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra is-socjeta attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Paul Mifsud u Norman Mifsud nominee debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta eccuipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi s-socjeta eccipjenti kkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont illi rcevitu;

Rat id-dikjarazzoni tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Mejju 1985 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bil-fakoltajiet soliti;

Rat in-nota tal-attur nomine tat-12 ta' Dicembru 1985 li biha ceda l-atti tal-kawza biss fil-konfront tal-konvenut Paul Mifsud et nominee u zamm ferm it-talbiet tieghu fi8l-konfront tal-konvenuti The Cargo Handling Company Limited;

Rat id-digriet taghha (diversament prejeduta) tad-29 ta' Novembru 1993 li bih jidher li gie revokat l-inkarigu tal-imsemmi perit legali;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2000;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-assikurati tas-socjeta attrici, Pace & Mercieca Limited, fis-26 ta’ Dicembru 1983, impurtaw gewwa Malta, fuq il-bastiment Emadala, erba (4) balel kontenenti “marine plywood”. Meta dawn gew konsenjati lill-imsemmija importaturi nstab li parti mill-injam kien imxarrab. Is-socjeta attrici, bhala s-socjeta assikuratrici, hallset lill-istess importaturi, in risarciment ghall-imsemmija hsara, s-somma ta’ disa mija erba u sebghin liri maltin u tmenin centezmu (Lm974.80) u ghalhekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-imporataturi. Is-socjeta attrici ssostni li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmija hsara;

In effett, fil-mori tal-kawza, din l-azzjoni giet ceduta fil-konfront tal-konvenuti Paul Mifsud et nomine u ghalhekk din l-itsess azzjoni ghandha tissokta biss fil-konfront tal-konvenuti The Cargo Handling Company Limited;

Is-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited teccepixxi li bl-eda mod ma hi responsabbli ghall-allegati hsarat stante li kkonsenjat il-merkanzija in kwestjoni fl-istess stat li fih hi rcevitha;

Jidher li meta l-importatur ircieva l-merkanzija in kwestjoni fl-imhazen tieghu, din instabet li kienet in parte imxarrba u cioe l-burduri tal-folji tal-injam kienu imxarrbin. Jidher ukoll li wara ftit zmien bdiet titrabba fl-injam certu tip ta' moffa. Minhabba f’hekk l-injam seta’ biss jinbiegh biprezz ridott;

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw b’mod sufficjenti li l-imsemmija hsara grat fiz-zmien li il-merkanzija de quo kienet fil-pussess u fil-kontroll tas-socjeta konvenuta Cargo Handling u cioe’ minn meta l-merkanzija tnizzlet minn abbord sakhemm giet rilaxxjata lill-importatur;

Difatti l-ufficjal tad-Dwana li rrilaxxja l-merkanzija a favur tal-importatur ipproducja kopja tal-“entry” relattiva ghal-merkanzija in kwestjoni u fuq dan id-dokument ma

tirrizulta ebda rimarka dwar hsarat fl-istess merkanzija. Xhud iehor, cioe' senior clerk mas-socjeta konvenuta Cargo Handling, ipproducja "cargo damage report", li kkompila huwa stess (document RPI), liema dokument jindika li l-merkanzija in kwestjoni tnizlet imxarrba minn fuq il-vapur. Huwa minnu li dan ix-xhud stqarr li huwa ma rahiex il-merkanzija u li huwa kkompila l-imsemmi rapport minn fuq it-"tally sheets" li saru minn hadd iehor, pero' dan l-istess dokument jindika li l-merkanzija setghet gia kienet imxarrba meta waslet ghand is-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Inoltre jista jkun li l-importaturi ma kienux daqstant diligenti tant li rappresentant taghhom stqarr li l-folji tal-injam thallew fuq xulxin nonostante li kien jidher li l-merkanzija kienet imxarrba. B'hekk setghet grat aktar hsara cioe' billi setghet titrabba l-imsemmija moffa;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti fil-konfront tas-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tastjieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti Paul Mifsud et nomine u dan in vista tan-nota ta' cessjoni tal-12 ta' Dicembru 1985 u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------